MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 933/2010

**Av. Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjetajiet esteri Nokia Corporation u Tommy Hilfiger Europe B.V.**

**vs**

**Dr. Cedric Mifsud u l-PL Peter Paul Sammut li b'digriet tal- 14 ta' Dicembru 2010 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti kunsinjatarju ARAB BANK ALGERIA u EURL BIG FORCE IMP EXP ghal kull interess li jista' jkollha.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Peter Fenech (ID Nru 67468(M)) bhala mandatarju specjali tas-socjetajiet esteri Nokia Corporation u Tommy Hilfiger Europe B.V datat 17

ta’ Settembru 2010 a fol. 1 tal-process fejn jiddikjara li huwa jaf is-segwenti fatti personalment u jghid :-

Illi l-esponenti gie mahtur mandatarju tas-socjeta` estera Nokia Corporation ta’ Keilalahdentie 4, 02150 Espoo, Finland, u ta’ Tommy Hilfiger Europe B.V. ta’ Stadhouderskade 6, 1054 ES Amsterdam, The Netherlands, sabiex jirraprezenta l-azzjonijiet gudizzjarji necessarji sabiex jigu protetti l-interessi taghhom.

Illi s-socjeta` rikorrenti Nokia Corporation hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati mal-Ufficcju tal-Proprjeta` Industrijali ta’ Malta msejha ‘NOKIA’, liema drittijiet gew registrati f’Malta fit-tmintax (18) ta’ Ottubru elfejn u wiehed (2001), u moghtija n-numru ta’ registrazzjoni 33323 u 33324 kif ukoll tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks* ma l-*Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea : il-*community trademark* ‘NOKIA’, liema dritt gie registrat fit-3 ta’ Jannar 2006 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni 4035663 (Dok.  ‘NC 1’).

Illi s-socjeta` rikorrenti Tommy Hilfiger Europe B.V. hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks* u *Community Designs,* mal-*Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea: (a) il-figurative mark ‘TOMMY HIILFIGER’, moghti n-numru ta’ registrazzjoni CTM 000131631; (b) il-kelma ‘Tommy Hilfiger,  bin-numru ta’ registrazzjoni CTM 000131706 ; (c) kif ukoll il-‘Flag Logo’ moghti n-numru ta’ registrazzjoni CTM 000138529 (Dok ‘TH 1’).

Illi fl-ghoxrin (20) ta’ Awwissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) r-rikorrenti *nomine* gie infurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru CLHU 8870138 li dahal gewwa l-Port Hieles fit-tnax(12) ta’ Awwissu 2001 fuq il-vapur c/v MAULE liema *container* kien fih: (a) total ta’ sitta u tletin elf u mitt (36,100) accessorju tal-*mobiles* li kienu jinkludu *covers, stands u headphones* (Dok “NC 2”) kollha bil-marka ‘NOKIA’; (b) u hames mitt (500) par zarbun kollha bil-kelma ‘TOMMY’ u rapprezentanza tal-‘Flag Logo’ u

elfejn u seba' mitt (2,700) par kalzetti kollha bil-logo 'TOMMY HILFLGER' (Dok "TH 2") u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intelletwali.

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* jirrizulta li: (a) dawn l-accessoriji tal-*mobile phone* mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li l-accessorji NOKIA, fihom il-kelma 'NOKIA' u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Nokia Corporation, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta` intelletwali ta' Nokia Corporation u r-rapport tal-istess ser jigi esebit fil-mori tal-kawza; u (b) iz-zraben u l-kalzetti Tommy Hilfiger, fihom il-kelma 'TOMMY', rapprezentazzjoni tal-'Flag Logo' u l-logo 'TOMMY HILFLGER' u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Tommy Hilfiger Europe B.V., u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta` intelletwali ta' Tommy Hilfiger Europe B.V. u r-rapport tal-istess anness u mmarkat bhala Dok 'TH 3'.

Illi r-rikorrenti *nomine* talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta *sabiex a tenur* tal-**artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta** huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta.

Illi din il-merkanzija inqabbdet mill-Port Hieles ta' Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa 'Arab Bank Algeria' minn Alger, Algeria u n-*Notify Party* huwa 'EURL BIG FORCE IMP EXP' minn El Eulma, Algeria, dan skont dak citat fil-polza ta' taghbija numru NDHA3XZ00 (Dok 'PF 1').

Illi, l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 4 tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta**, kif ukoll tal-**artikolu 10 (2) (b) tal-Att Dwar it-*Trademarks* (Kap 416)** u huma azzjonabbli b'applikazzjoni tad-disposizzjonijeit rilevanti tal-**artikoli 14-19** tal-istess **Kap 416 u l-artikoli 7 u 8 tal-istess Kap 414**.

Illi s-socjetajiet rikorrenti ghandhom kull interess li jippromwovu din l-azzjoni gudizzjarja sabiex jikkawtelaw u jenforzaw l-jeddijiet taghhom.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbet lis-socjetajiet intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'*mobile phone covers, stands u headphones* li fuqhom hemm il-kelma 'NOKIA' u z-zraben u l-kalzetti li fuqhom hemm il-kelma TOMMY u l-logo 'TOMMY HILFLGER' rispettivament li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru CLHU 8870138 kontenenti l-imsemmija oggetti, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali tas-socjeta` rikorrenti Nokia Corporation, fir-rigward tat-*trademarks* taghha 'NOKIA' moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324 kif ukoll il-*community trademark* 'NOKIA' moghti n-numru ta' registrazzjoni 4035663 (Dok 'NC 1'), u tas-socjeta` rikorrenti Tommy Hilfiger Europe B.V., fir-rigward tat-*trademarks* taghha : (a) il-figurative mark 'TOMMY HIILFIGER', moghti n-numru ta' registrazzjoni CTM 000131631; (b) il-kelma 'Tommy Hilfiger, bin-numru ta' registrazzjoni CTM 000131706 ; (c) kif ukoll il-'Flag Logo' moghti n-numru ta' registrazzjoni CTM 000138529 (Dok 'TH 1'), u dan okkorrendo bin-nomina ta' esperti nominati ghal dan il-fini.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjetajiet rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawn l-oggetti f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati;

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet tas-socjetajiet rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez kollha dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana

mill-bidu ta' l-proceduri, kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni inkluz l-ispejjez kollha inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess imsemmija oggetti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda (fol. 4) u sitt dokumenti (6) esebiti minn fol. 6 sa fol. 32 tal-process.

Rat id-digriet datat 14 ta' Dicembru 2010 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entitajiet intimati.

Rat li dan ir-rikors giet appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-10 ta' Marzu 2011, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura tal-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata l-ewwel (1) ta' Frar 2011 (fol 82) fejn eccepew:-

1. Illi l-kuraturi ghamlu bosta tentattivi sabiex jikkuntatjaw lis-socjetajiet intimati ARAB BANK ALGERIA u EURL BIG FORCE IMP EXP pero` sallum dawn it-tentattivi ghad ma kellhomx ezitu posittiv u ghalhekk mhuwiex edotti ghal fatti ta' kaz.

Ghaldaqstant f'kaz li jirnexxilhom jaghmlu kuntatt jisservaw li, bl-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti jipprezentaw eccezzjonijiet f'stadju ulterjrui.

Rat in-nota tar-rikorrent Dr. Peter Fenech *nomine* datata 25 ta' Frar 2011 a fol. 87 tal-process li biha esebixxa tliet (3) dokumenti:- Dok "A" affidavit ta' Dr. Peter Fenech; Dok "B" affidavit ta' George Agius (fol 89); u Dok "C" rapport tas-socjeta` rikorrenti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-10 ta’ Marzu 2011 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Marzu 2011.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi fl-20 ta’ Awwissu 2010 r-rikorrenti *nomine* gie infurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru CLHU 8870138 li dahal gewwa l-Port Hieles fit-12 ta’ Awwissu 2001 fuq il-vapur c/v MAULE liema *container* kien fih: (a) total ta’ 36,100 accessorju tal-*mobiles* li kienu jinkludu *covers, stands u headphones* (Dok “NC 2”) kollha bil-marka ‘NOKIA’; (b) u 500 par zarbun kollha bil-kelma ‘TOMMY’ u rapprezentanza tal-‘Flag Logo’ u 2,700 par kalzetti kollha bil-logo ‘TOMMY HILFLGER’ (Dok “TH 2”) u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta’ proprjeta` intelletwali tas-socjetajiet attrici li huma rispettivament proprjetarji tal-istess marki resgistrati bhala trade marks kif jirrizulta mir-rikors guramentat u mid-dokkumenti annessi li juru r-registrazzjonijiet relattivi. Tali sejba tal-istess oggetti fil-kontejner imsemmi hija kkonfermat mill-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius datata 25 ta’ Frar 2011 (Dok ‘B’).

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* jirrizulta li: (a) dawn l-accessoriji tal-*mobile phone* mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li l-accessorji NOKIA, fihom il-kelma ‘NOKIA’ u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ Nokia Corporation, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ propjeta` intelletwali ta’ Nokia Corporation u r-rapport tal-istess ser jigi esebit fil-mori tal-kawza; u (b) iz-zraben u l-kalzetti Tommy Hilfiger, fihom il-kelma ‘TOMMY’, rapprezentazzjoni tal-

'Flag Logo' u l-logo 'TOMMY HILFLGER' u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Tommy Hilfiger Europe B.V., u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta` intelletwali ta' Tommy Hilfiger Europe B.V.

Illi fil-fatt dan jinsab ikkonfermat mid-dokumenti esebiti mill-attur nomine nkluz ir-rapport esibit u mmarkat bhala Dok 'TH 3' u mix-xhieda l-ohra prodotti nkluzi dawk ta' Dr. Peter Fenech (Dok. "A" – fol. 88). Jirrizulta wkoll li l-istess konsenji kienu intenzjonati li jigu migbura mill-entita' intimata indikata fuq il-polza ta' karigu anke tramite l-entita' indikata bhala *"notify party".* B'hekk il-pretensjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u fil-fatt lanqas biss huma kontestati.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'*mobile phone covers, stands u headphones* li fuqhom hemm il-kelma 'NOKIA' u z-zraben u l-kalzetti li fuqhom hemm il-kelma TOMMY u l-logo 'TOMMY HILFLGER' rispettivament li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru CLHU 8870138 kontenenti l-imsemmija oggetti, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti Nokia Corporation, fir-rigward tat-*trademarks* taghha 'NOKIA' moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324 kif ukoll il-*community trademark* 'NOKIA' moghti n-numru ta' registrazzjoni 4035663 (Dok 'NC 1'), u tas-socjeta` rikorrenti Tommy Hilfiger Europe B.V., fir-rigward tat-*trademarks* taghha : (a) il-figurative mark 'TOMMY HIILFIGER', moghti n-numru ta' registrazzjoni CTM 000131631; (b) il-kelma 'Tommy Hilfiger, bin-numru ta' registrazzjoni CTM 000131706 ; (c) kif ukoll il-'Flag Logo' moghti n-numru ta'

registrazzjoni CTM 000138529 (Dok 'TH 1') kollox kif hawn deciz.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din id-decizjoni jiddistruggi dawn l-oggetti hawn indikati f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati.

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati konsegwenti ghat-tieni u t-tielet talbiet tas-socjetajiet rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez kollha dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana mill-bidu ta' l-proceduri, kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni inkluz l-ispejjez kollha inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess imsemmija oggetti.

Bl-ispejjez kontra l-istess entitajiet/socjetajiet intimati b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------